# **Country Report:** Malta
# 2021

## Executive summary

L-Asylum Information Database (AIDA) hija *database* mfassla mill-*European Council on Refugees and Exiles (ECRE)*, b'tagħrif dettaljat dwar is-sistemi nazzjonali tal-ażil ta' 23 pajjiż. Dan jinkludi 19-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bilgarija, Ċipru, il-Ġermanja, l-Ispanja, Franza, il-Greċja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Isvezja, l-Islovenja) u 4 pajjiżi li mhumiex Stat Membri tal-UE (l-Isvizzera, is-Serbja, it-Turkija, ir-Renju Unit).

L-għan prinċipali tad-*database* huwa li jokkontribwixxi għat-titjib tal-politiċi u l-prattiċi fil-qasam tas-sistema tal-ażil fl-Ewropa, u tas-sitwazzjoni tal-applikanti tal-ażil billi joffri l-atturi rilevanti f'dan il-qasam bl-għodda u t-tagħrif xierqa sabiex jiffaċilita l-isforzi tagħhom t'avukatura u litigazzjoni, fuq livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew.

Ir-rapport dwar Malta jippreżenta ż-żviluppi riċenti fil-qasam tal-proċeduri tal-ażil, fil-kundiżżjonijiet t'akkoljenza, id-detenzjoni tal-applikanti tal-ażil u l-protezzjoni internazzjonali f'Malta. Dan ir-rapport inkiteb minn aditus foundation u fl-aħħar ġie rivedut minn ECRE.

L-informazzjoni f'dan ir-rapport huwa aġġornat sal-31 ta' Diċembru tas-sena 2021, apparti fejn jingħad mod ieħor.

Ir-rapport sħiħ jista' jitniżżel fil-lingwa Ingliża hawn.

---

Dan ir-rapport huwa parti mil- *Asylum Information Database (AIDA)*, iffinanzjat mil-*European Programme for Integration and Migration (EPIM)*, inizzjattiva konġunta tan-*Network of European Foundations*, u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni tal-Unjoni Ewropea (AMIF).

## Ħarsa Ġenerali lejn il-bidliet li seħħu f'dan ir-Rapport mill-aħħar aġġornament tiegħu

Dan ir-rapport ġie aġġornat f'Mejju tas-sena 2021.

*Il-Proċedura tal-Ażil:*

- ***Pushbacks fil-baħar***: Minn Mejju 2020 u tul is-sena 2021, il-Forzi Armati ta' Malta (AFM) naqqsu b'mod serju s-salvataġġ mill-baħar. Għaqdiet mhux governattivi (NGOs) jistqarru illi Malta mhux qed tagħmel attivitajiet ta' salvataġġ fiż-żona tagħha ta' Tfittxija u Salvataġġ (SAR) fin-Nofsinhar ta' Lampedusa, u minflok qed tistrieħ fuq bastimenti merkantili u l-gwardja tal-kosta Libjana sabiex jiġbdu lura l-bastimenti lejn il-Libja permezz ta' pullbacks. L-awtoritajiet Maltin ġew akkużati li qed jipprevjenu lid-dgħajjes milli jidħlu fiż-żona SAR ta' Malta, u diversi inċidenti ta' pushbacks ġew irrappurtati minn NGOs.

- ***Aċċess għat-territorju***: Fis-sena 2021, il-Gvern ta' Malta kompla jiċħad iż-żbark tal-individwi li ġew salvati mill-baħar, b'mod partikolari fejn is-salvataġġ twettaq minn bastimenti ta' NGOs. F'dawn il-każijiet, il-pożizzjoni uffiċjali hija li dawn is-salvataġġi huma fil-fatt 'interċezzjonijiet' li għandhom jiġu regolati mill-Flag State tal-bastiment.

- ***Karatteristiċi ewlenin fl-istatistika tal-ażil***: Fis-sena 2021, saru 1,281 applikazzjoni ġdida u 3,265 applikazzjoni kienu għadhom pendenti fl-aħħar tas-sena. L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (IPA) ħarġet 691 deċiżjoni tal-ewwel istanza, il-maġġoranza (477) ġew miċħuda bħala manifestament infondat jew inammissibbli, u b'hekk għaddew mill-proċedura aċċelerata mingħajr il-possibilità li jsir appell. L-Aġenzija ħarġet 170 deċiżjoni pożittiva, u b'hekk ir-rata ta' rikonoxximent tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-ewwel istanza huwa ta' 25%. Iżda l-Aġenzija wkoll ħarġet 1,729 deċiżjoni sabiex twaqqaf l-applikazzjonijiet, li jammontaw għal 72% tad-deċiżjonijiet kollha li ttieħdu fis-sena 2021. Dan għalhekk inaqqas ir-rata ta' rikonoxximent fl-ewwel istanza għal 8%, l-inqas fl-istorja tal-proċedura. It-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali (IPAT) ħareġ 765 deċiżjoni, li jinkludu 482 reviżjoni taħt il-proċedura aċċelerata. Dawn ġew kollha rifjutati.

- ***Risposta għall-kriżi fl-Ukrajna mill-20 April 2022***: Bħalissa ma hemm l-ebda koordinament da parti tal-Gvern sabiex jimplimenta d-Direttiva tal-UE u l-informazzjoni f'dan ir-rigward hija limitata. L-approvazzjoni għall-ivvjaġġar lejn Malta mill-Ukrajna m'għadiex meħtieġa, peress li tneħħew ir-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 li kienu għadhom japplikaw għal persuni ġejjin minn hemm; barra minn hekk, il-kwarantina ġewwa akkomodazzjoni alternattiva hija permessa. L-Ukrajni m'għandhomx bżonn viża sabiex jivvjaġġaw lejn Malta peress li mad-dħul tagħhom fiż-Żona Xengen jingħataw awtomatikament viża għal disgħin jum. Fi Frar 2022 twaqqaf 'il-Community Crisis Centre' bl-għajnuna tal-Konsulat Onorarju tal-Ukraina f'Malta, għal koordinament aħjar tal-isforzi tal-pajjiż biex jirċievi n-nies[1]. Minn Marzu tas-sena 2022, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali bdiet tipprovdi informazzjoni speċifika rigward l-applikazzjonijiet tal-Ukrajni li jixtiequ japplikaw għal Protezzjoni Temporanja taħt id-Direttiva tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni Temporanja (2001/55/EC)[2]. Nhar l-4 t'April 2022, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali stqarret li rċiviet madwar 247 talba għall-Protezzjoni Temporanja u li nħarġu 193 deċiżjoni sabiex jikkonċedu l-

---

1 L-informazzjoni fuq dan iċ-Ċentru tinstab fuq dan is-sit: https://bit.ly/3wPKGgA.

2 L-informazzjoni hija disponibbli mis-sit tal-Ministeru tal-Intern: https://bit.ly/3qPUIdx.

Protezzjoni Temporanja[3]. Nies li telqu mill-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022 mhumiex eliġibbli għall-Protezzjoni Temporanja, iżda jistgħu japplikaw għall-Protezzjoni Internazzjonali.

- ***Il-Prijoritizzazzjoni tal-każijiet li huma manifestament infondati***: Fis-sena 2021, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (IPA) naqqset b'mod sinjifikanti n-numru ta' applikazzjonijiet li kellha pendenti b'lura, billi waqqfet numru kbir ta' applikazzjonijiet bħala rtirati impliċitament u permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-każijiet manifestament infondati. L-Aġenzija kompliet tuża l-proċedura aċċellerata, li ma toffrix il-possibiltà lill-applikant sabiex jappella d-deċiżjoni ta' rifjut. L-individwi li jirċievu d-deċiżjoni ta' rifjut permezz tal-proċedura aċċelerata jaffaċċjaw detenzjoni f'kundizzjonijiet ħżiena u aċċess limitat għal garanziji proċedurali u jibqgħu detenuti sakemm isseħħ ir-ripatrijiu tagħhom lejn pajjiżhom jew sakemm jilħqu l-ammont massimu ta' żmien fid-detenzjoni permess mid- Direttiva dwar ir-Ritorn. B'hekk l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali qed tagħti prijorità lill-applikazzjonijiet li x'aktarx huma manifestament infondati bi ħsara lejn persuni oħra li qed ifittxu l-ażil, li l-applikazzjoni tagħhom titħalla pendenti ferm lil hinn mill-iskadenzi previsti mil-liġi sabiex tinkiseb deċiżjoni. Huwa rrapurtat li xi individwi ilhom jistennew deċiżjoni għal 4 snin, filwaqt li l-applikazzjonijiet ta' dawk li jkunu għadhom kif waslu u li applikaw għall-ażil huma miċħuda bħala manifestament infondati f'perjodu ta' ftit xhur. Bħala riżultat ta' din il-prassi, ir-rata ta' rikonoxximent niżlet għall-inqas livell ta' 8%.

- ***Proċeduri fit-tieni istanza***: Fis-sena 2021, il-maġġoranza tad-deċiżjonijiet maħruġa mit-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali kienu r-reviżjoni tat-tlett ijiem imwettqa fl-ambitu tal-proċedura aċċellerata. It-Tribunal ħareġ numru kbir ta' deċiżjonijiet ta' rifjut minħabba n-nuqqas ta' sottomissjonijiet da parti tal-appellanti, li awtomatikament iwassal lit-Tribunal sabiex jiċħad l-appelli mingħajr ma jidħol fil-mertu tagħhom. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-ewwl istanza fejn l-appell huwa permissibbli mill-liġi, huwa rrapurtat li l-appellanti jistennew għal bosta snin fl-istadju tat-tieni istanza, ferm aktar mill-iskadenzi previsti mil-liġi. Is-sena 2021 kienet ikkaratterizzata minn rata baxxa ta' deċiżjonijiet finali maħruġa mit-Tribunal, peress li t-Tribunal ħareġ biss deċiżjonijiet ta' rifjut u b'hekk ir-rata ta' rikonoxximent huwa ta' 0% għall-applikanti fit-tieni istanza.

*Kundizzjonijiet t'Akkoljenza*

- ***Ir-Rinovazzjonijiet taċ-ċentri t'akkoljenza miftuħa***: Il-kundizzjonijiet tal-għajxien allegatament tjiebu kemmxejn; b'mod partikolari saru rinovazzjonijiet u nbena post ġdid fiċ-ċentri miftuħa. Minkejja r-rata t'okkupazzjoni qrib is-26% tal-kapaċità sħiħa taċ-ċentri miftuħa fl-aħħar tas-sena, livell baxx storiku għal Malta minħabba l-fatt li fis-sena 2021 ġew irreġistrati biss 838 applikanti tal-ażil ġodda f'dawn iċ-ċentri, il-ħajja f'dawn iċ-ċentri għadha waħda ta' sfida.

- ***Żgumbrament tal-applikanti tal-ażil li mhumiex vulnerabbli***: Minkejja li hemm biżżejjed spazji disponibbli ġewwa ċ-ċentri miftuħa, il-politika taż-żgumbrament wara 6 xhur tal-applikanti tal-ażil li mhumiex persuni vulnerabbli tkompli tiġi applikata strettament mill-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Ażil (AWAS). In-numru ta' settlements maħluqa mill-applikanti tal-ażil li ġew żgumbrati kompla jikber peress li ħafna m'għandhomx mezzi oħrajn. Din is-sitwazzjoni marret għall-agħar meta nħarġet il-politika ġdida tal-impjieg li tipprojbixxi l-aċċess għas-suq tax-xogħol lill-

3 Informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali nhar l-4 t'April 2022.

applikanti tal-ażil li ġejjin minn pajjiżi li huma elenkati ai termini tal-liġi bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu, għall-ewwel 9 xhur wara li jirreġistraw l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil. Dawn l-applikanti għalhekk jiġu żgumbrati miċ-ċentri miftuħa qabel ma jkunu legalment kapaċi jaħdmu u jsostnu lilhom infushom.

*Id-Detenzjoni tal-Applikanti tal-Ażil*

- ***Detenzjoni mal-wasla***: Il-politika tad-detenzjoni awtomatika mal-wasla tal-individwi li jfittxu l-ażil kompliet fis-sena 2021, bl-użu tad-detenzjoni de facto għall-ewwel xhur jew bħala miżura ta’ kwarantina kontra l-COVID-19, jew ai termini tal-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard. Matul dan il-perjodu ta’ detenzjoni, l-applikanti kollha tal-ażil – minbarra l-familji u t-tfal żgħar – huma detenuti, inklużi l-individwi li jiddikjaraw li huma minuri.

- ***Detenzjoni u r-ritorn***: Kienu biss l-applikanti tal-ażil li huma ġejjin minn pajjiżi fejn ir-ritorn jista’ jseħħ li ġew detenuti uffiċjalment mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni (PIO), iżda mingħajr l-ebda evalwazzjoni individwali. Għal dawn l-applikanti tal-ażil, id-detenzjoni awtomatika flimkien mal-proċedura aċċellerata taċċerta li dawn l-individwi jingħataw deċiżjoni ta' ritorn u tinħareġ ordni ta' tneħħija fir-rigward tagħhom f’temp immedjat ta' ftit xhur.

- ***Għajnuna legali fid-detenzjoni***: Minkejja xi titjib fil-possibbiltà li tingħata l-għajnuna legali, li issa qed tingħata kif suppost għall-ewwel reviżjoni tad-detenzjoni, il-kontestazzjoni tad-detenzjoni tal-applikanti tal-ażil tibqa’ sfida, partikolarment minħabba li r-rimedju previst mil-liġi, jiġifieri il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (IAB) huwa meqjus bħala rimedju ineffettiv minħabba n-nuqqas t’ indipendenza u t’għarfien espert fil-qasam tal-ażil u tad-drittijiet tal-bniedem. L-għajnuna legali hija pprovduta prinċipalment miż-żewġ NGOs ewlenin fil-qasam, aditus foundation u Jesuit Refugee Service (JRS) Malta. L-għajnuna legali pprovduta mill-istat hija disponibbli biss għall-ewwel reviżjoni tad-detenzjoni wara 7 ijiem ta’ detenzjoni, u b’hekk il-biċċa l-kbira tal-applikanti tal-ażil għandhom aċċess limitat għal rimedju sabiex jikkuntestaw id-detenzjoni tagħhom wara tale reviżjoni. L-aċċess għall-kwartieri tal-għajxien fiċ-ċentri tad-detenzjoni issa huwa pprojbit għall-NGOs u għall-avukati, bil-ħolqien ta’ ħafna sfidi sabiex jipprovdu s-servizzi legali tagħhom lill-individwi detenuti. Dan minħabba wkoll in-nuqqas t’aċċess għat-telefowns u diffikultajiet prattiċi oħrajn sabiex jiltaqgħu mal-klijenti tagħhom.

- ***Kundizzjonijiet fiċ-ċentri tad-detenzjoni***: Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri tad-detenzjoni baqgħu problema fis-sena 2021, minkejja ż-żewġ rapporti (maħruġa mill-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti) li żvelaw is-sitwazzjoni allarmanti ġewwa ċ-ċentri tad-detenzjoni. Filwaqt li l-aċċess limitat għad-detenzjoni tipprekludi li l-avukati u l-NGOs jirrappurtaw dwar il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, l-individwi li ġew detenuti ta’ spiss jilmentaw dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien substandard. Dawn l-ilmenti jirriflettu l-konklużjonijiet tar-rapporti imsemmija, li jsemmu li l-persuni detenuti nżammu fil-kundizzjonijiet segwenti: ftit li xejn aċċess għaż-żoni ta’ barra; ftit li xejn aċċess għaż-żoni komuni; l-ebda aċċess għal kmamar tat-talb jew għal spazju privat; aċċess limitat għat-telefon sabiex iċemplu lill-familjari tagħhom jew lill-avukati tagħhom; l-ebda aċċess għal xi attivitajiet ta' divertiment; jaqsmu kmamar ta’ 3mk sa’ 5mk bejn tliet u tmien persuni oħra; il-minuri miżmuma mal-adulti; ebda ventilazzjoni, dawl jew ħiters fil-kmamar kollha; l-ebda aċċess għall-ilma li huwa tajjeb għax-xorb; nuqqas ta’ ħwejjeġ u lożor addattati għax-xitwa; il-mezzi sabiex jinħaslu u jaħslu ħwejjiġhom

mhumiex adegwati; l-ebda informazzjoni dwar id-detenzjoni tagħhom jew il-proċedura tal-ażil u nuqqas t'aċċess għall-kura medika.